MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 187/2009

**John William Haynes (British Passport Number GBR 109801279) u martu Camelia Gladys Haynes nee` Winkworth (British Passport Number GBR 050197072)**

***kontra***

**Michelle Schembri (ID 6721A) u Mario Schembri (ID 443159M)**

**Il-Qorti -**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta` Frar 2009 li jaqra hekk -

*Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Henry Sciriha tat-8 ta' Novembru 1991 sar trasferiment ta'*

*garage sottopost ghall-proprjeta` tar-rikorrenti, fi Triq ic-Cervjola, Marsaskala konfinat mill-Punent ma` l-imsemmija triq, Nofsinhar ma` proprjeta` ta` Duminku Agius u mit-Tramuntana ma` proprjeta` ta` Francis Stellini jew irjieh verjuri, li ghandu in komun is-sistema tad-drenagg mal-maisonette soprastanti, tale quale u kif muri u spezzjonat liberu u frank ;*

*Illi l-akkwitenti hemm indikata hija l-intimata Michelle Schembri li tigi bint ir-rikorrenti ;*

*Illi effettivament l-imsemmija Michelle Schembri fl-imsemmi kuntratt kienet qieghda tidher bhala prestanome tar-rikorrenti u dan anke kif jigi spjegat f'aktar dettal waqt il-kawza jekk ikun il-kaz, tant in-negozjati saru kollha mir-rikorrenti u huma pprovdew il-fondi kollha sabiex isir it-trasferiment opportun u l-kuntratt sar fuq isem l-intimata Michelle Schembri ghall-finijiet ta' konvenjenza u bl-idea li meta jridu l-esponenti, il-proprjeta` tigi debitament registrata fuq isimhom ;*

*Illi l-intimati konjugi Schembri gew mitluba sabiex jiddikjaraw li m'ghandhom l-ebda pretensjoni personali fuq l-istess proprjeta` u li fil-fatt jirrikonoxxu li l-proprjeta` attwali tal-istess garage huwa tar-rikorrenti izda ghalkemm l-intimata Michelle Schembri accettat, zewgha Mario Schembri, qieghed jirrifjuta u anzi qieghed isostni illi l-proprjeta` tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu ;*

*Illi l-intimat Mario Schembri ma vversa l-ebda fondi lejn l-akkwist tal-istess u fil-fatt huwa jghix l-Imsida u l-imsemmi garage huwa f'Marsaskala, sottopost ghal appartament tal-istess rikorrenti. Kienu r-rikorrenti li sabuh u ddeciedew li jixtruh u dan billi l-istess garage kien precedentement jappartjeni lill-istess persuna li bieghilhom il-maisonette soprastanti li huma kienu akkwistaw.*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddeciedi u tiddikjara :-*

*i. Illi l-garage fuq imsemmi, sottopost ghall-proprjeta` tar-rikorrenti, fi Triq ic-Cervjola, Marsaskala konfinat mill-Punent ma` l-imsemmija triq, Nofsinhar ma` proprjeta` ta` Duminku Agius u mit-Tramuntana ma` proprjeta` ta` Francis Stellini jew irjieh verjuri, li ghandu in komun is-sistema tad-drenagg mal-maisonette soprastanti, tale quale u kif muri u spezzjonat liberu u frank huwa ta` proprjeta` tar-rikorrenti u konsegwentement il-konjugi Schembri m'ghandhom l-ebda sehem, interess jew titolu fl-istess proprjeta` ;*

*ii. Tordna li jsir kuntratt notarili appozitu sabiex jirrifletti dak li jigi deciz fuq l-ewwel talba u tahtar Nutar sabiex jippublika l-att, tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci u tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-imsemmi att.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi, flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-konvenuta Michelle Schembri (fol 13) li kienet mahlufa fid-19 ta` Marzu 2009 u prezentata fis-6 ta' Mejju 2009.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut Mario Schembri prezentata fis-16 ta` Novembru 2009 li taqra hekk -

*1. Illi t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi meta kien sar il-kuntratt ta’ trasferiment tal-proprjeta` suggett ta’ dina l-kawza, l-esponent qatt ma kien dahal fi ftehim ta` prestanome jew xort`ohra ta` rapprezentanza tal-atturi, la bil-kitba u lanqas bil-fomm ;*

*2. Illi meta kien sar it-trasferiment, l-intenzjoni ta` l-esponent kien li l-proprjeta` suggett ta` din il-kawza tifforma parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti ;*

*3. Illi l-esponent qatt ma kien konsapevoli li kien se jkun komplici fi frodi u/jew evazjoni tat-taxxa ghall-atturi u jekk il-kunsens tieghu kien ivvizzjat b’qerq min-naha tal-konvenuta Michelle Schembri, jirrizerva iehor kull azzjoni spettanti lilu ;*

*4. Illi l-esponent qatt ma kien interpellat mill-atturi skond it-tielet paragrafu tar-rikors promotur, izda din il-kawza hija biss manuvra mill-konvenuta Michelle Schembri sabiex tiehu proprjeta` fl-eventwali separazzjoni ;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Mario Schembri.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta` Ottubru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat -**

Permezz ta’ din l-istanza, l-atturi qeghdin jirreklamaw it-titolu ta` proprjeta` ta` garage li meta kien akkwistat bis-sahha ta` kuntratt tat-8 ta` Novembru 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha dehret bhala xerrejja binthom il-konvenuta Michelle Schembri. L-atturi qeghdin jikkontendu li ghalkemm fuq il-kuntratt dehret bhala akkwirenti l-imsemmija binthom, fir-realta` binthom dehret fuq l-att bhala *prestanome.* Il-konvenut Mario Schembri, li jigi r-ragel ta’ Michelle Schembri, u li minnu qeghda tinfired, ighid li meta martu dehret fuq il-kuntratt fuq riferit huwa ma kienx jaf illi kienet qeghda tidher bhala mandatarja tal-genituri taghha. Ghalhekk isostni li dak il-fond jaghmel parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ta` bejnu u bejn martu.

Il-verzjoni ta` l-konvenuta Michelle Schembri tirrizulta min-nota guramentata taghha (a fol. 13) fejn *inter alia* jinghad hekk -

*In that contract I did appear on the deed though when I did so it was always intended that the property in fact belonged to my parents. It was agreed that if in the future my parents ever so requested, the property would be registered in their name. When I did the contract my husband was aware of the situation and it was always agreed that this garage did not belong to us but will always be deemed as belonging to my parents. The contract was done in my name purely because of administrative reasons and not because me and my husband ever had any legal entitlement to the said property.*

Joseph Stellini kien il-bejjiegh tal-garage fil-kuntratt fuq riferit. Meta kien mistoqsi ma` min ghamel in-negozjati ghall-bejgh tal-garage, ix-xhud wiegeb li dawn saru ma` l-attur John Haynes u l-mara tieghu. Huwa ma setax jiftakar min kien hareg il-flus ghall-bejgh. Pero` kkonferma li ghall-kuntratt dehret biss il-konvenuta Michelle Schembri.

L-attur John Haynes xehed li flimkien ma` martu huwa kien xtara dar jew gewwa Marsaskala sovraposta ghall-garage de quo. Il-bejgh sar minn Joseph Stellini. Fiz-zmien tal-bejgh, Stellini ma riedx ibiegh il-garage flimkien mad-dar izda wara xi xhur ghamel kuntatt maghhom sabiex isir il-bejgh tal-garage ukoll. Kien dak iz-zmien illi sar il-ftehim dwar il-prezz. L-attur jixhed illi n-negozjati saru minnu ma` Stellini. Meta sar il-bejgh tal-garage, ghall-kuntratt bhala xerrej dehret bintu Michelle Schembri. Mistqosi jekk bintu Michelle u zewgha kienux hargu flus ghax-xiri ta' dan il-garage, l-attur wiegeb hekk –

*No nothing at all, it was purely because we purchased the maisonette in the first place and we'd already paid duty on the fifteen thousand Maltese Pounds which was more than what the property was, when we bought the garage at eight thousand and nine hundred it would have meant to say that we'd had to spend fifteen thousand again so we wouldn't be able to … it, so the Notary actually suggested that we put into our daughter's name so that we could purchase it, not for evasion of duty or anything but purely that to make it worth buying it.*

Mistoqsi dwar l-istat civili ta' bintu Michelle, l-attur wiegeb -

*They are actually separated at the moment.* (ara fol. 39).

Mistoqsi mill-Qorti ghaliex il-garage kien f`isem il-konvenuta, l-attur wiegeb -

*Because at the time you had to spend fifteen thousand Pounds to purchase or fifteen thousand Maltese Liri to buy a property. We'd already done that with the maisonette and then if we bought the garage we would have to pay duty on another fifteen thousand, and yet the garage was only just half over that amount.*

Avukat: *So you were trying to pay less tax than you, you were trying to avoid tax, so this scheme was meant for tax purposes according to you ?*

Xhud (attur): *In that respect yes…………..if Mr Stellini had sold it to us when we bought the maisonette, which is what we wanted, then those two would have been added together.*

Mistoqsi kemm kienet it-taxxa li kien ikollu jhallas li kieku l-kuntratt ta' x-xiri tal-garage sar fuq ismu, l-attur wiegeb li kien ikollu jhallas 15% mentri bintu hallset 3% biss (ara fol. 41).

Mistoqsi mill-Qorti x'kienet l-intenzjoni tieghu meta hareg il-flus ghal dan il-garage, ix-xhud qal –

*It would have been in that respect tax avoidance* (ara fol. 42).

Il-konvenut Mario Schembri (a fol. 50 tal-process) xehed illi huwa joqghod l-Imsida u li meta nxtara l-garage huwa ma sborza l-ebda flus. Sostna li kien l-attur John Haynes illi nnegozja l-prezz.

**Ikkunsidrat -**

Din il-Qorti hija sodisfatta illi hemm provi bizzejjed li juru li fir-realta` l-konvenuta Michelle Schembri kienet

qeghda tidher ghall-kuntratt de quo bhala *prestanome* tal-atturi genituri taghha. U ghaldaqstant la hi u wisq anqas zewgha l-konvenut Mario Schembri ma kellhom x`jaqsmu direttament mal-akkwist tat-titolu ghall-fond mertu ta` dak il-kuntratt.

Fl-att tal-akkwist, Michelle Schembri dehret wahedha bhala kompratrici ta' l-garage. Ma jirrizultax li dehret flimkien ma` jew bl-assistenza ta` zewgha l-konvenut Mario Schembri nkella f`ismu wkoll. Infatti rrizulta li l-istess Mario Schembri ma dahal fl-ebda negozjati ghax-xiri ta' l-garage u kien dejjem l-attur li ttratta l-prezz. Inoltre huwa stabbilit li Mario Schembri ma sborza l-ebda flus ghall-akkwist tal-fond de quo.

Mill-provi jirrizulta li l-hsieb ta' l-atturi u ta' binthom Michelle kien illi din ta' l-ahhar tagixxi ta' *prestanome* taghhom fuq il-kuntratt tal-akkwist. Meta sar il-kuntratt, Malta ma kenitx membru tal-UE. Fiz-zmien li sar il-kuntratt, l-*Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act* (Kap,246 tal-Ligijiet ta` Malta) ma kenitx ghada giet emendata sabiex tiehu kont tad-dhul ta` Malta fl-UE fl-1 ta` Mejju 2004. Fil-kaz tal-atturi, sabiex huma jakkwistaw il-garage de quo, wara li kienu diga` akkwistaw immobbli iehor, kienu jehtiegu permess mill-Ministru tal-Finanzi u f`dak il-kaz ikunu soggetti ghal taxxa aktar gholja. Bint l-atturi Michelle Schembri kienet mizzewga Malti u residenti Malta fiz-zmien tal-kuntratt u ghalhekk bil-kuntratt tal-garage jidher f`isimha l-genituri kienu sejrin jhallsu taxxa b`rata aktar baxxa milli kieku kienu japplikaw ghall-permess sabiex il-kuntratt isir f`isimhom.

**Ikkunsidrat –**

Il-gurisprudenza taghna tirrikonoxxi li ma hemmx distinzjoni bejn it-termini “*prestanome*” u “*mandatarju*”.

Fis-sentenza taghha tat-2 ta` Mejju 1957 fil-kawza **`Mamo noe vs Sant Fournier noe`** il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk –

*Illi l-mandatarju prestanome huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f`'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanome, jakkwista l-proprjeta` tal-haga immobili, ikun hemm att publiku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju.*

*Ghar-rigward tat-terzi jibqa` l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanome l-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanome jigu retti mil-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant*.

L-awturi **Baudry-Lacantinarie u Wahl**, fit-*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile* jiktbu hekk -

*Il prestanome non si distingue dal mandatario ; infatti la dissimulazione della sua qualita` non ha luogo che di fronte ai terzi. Gli oggetti acquistati appartengono quindi al mandante" (Vol. XXIV, pag. 486, nro. 890).*

Id-dispozizzjoni kontenuta fl-**Art.1042(1)** tal-Kap.16 li tghid li "*hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu*" ghandha tigi kollegata mad-dispozizzjoni tal-ligi tal-mandat, fis-sens li "*meta l-mandatarju jkun agixxa fl-isem tieghu nnifsu, l-mandant m'ghandux azzjoni contra dawk li maghhom ikun ikkuntratta, u lanqas dawn ma ghandhom azzjoni kontra l-mandant*" (Art.1973 tal-Kap.16)"

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta` Novembru 1953 fil-kawza ‘**<u>Farrugia vs Farrugia’</u>** kien ritenut hekk –

*‘Meta wiehed jixtri, jew jakkwista, bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta’ hadd iehor, u dan bis-sahha ta’ mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop, il-fond hekk akkwistat minn dak il-mandatarju jsir tal-mandant minn dak il-mument stess, avolja l-mandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fond fl-isem tieghu proprju u fl-att ma jkun issemma’ xejn li l-fond qieghed jinxtara fl-interess tal-mandant. Il-mandat moghti ghal dan l-iskop m’ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avolja ghandu bhala oggett tieghu l-akkwist ta’ stabili, ghax mandat simili ma jimplikax da parti tal-mandatarju li jittrasferixxi l-fond lill-mandant wara li huwa jkun akkwistah fl-interess tal-mandant u bis-sahha tal-mandat. U dak il-mandatarju jista’ jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika ta’ l-obbligu tieghu li jittrasferixxi l-fond lill-mandant, u mhux il-kaz li jigi ritenut li l-mandatarju huwa inadempjenti, ghax akkwista l-fond f’ismu u mhux f’isem il-mandanti, u li ghalhekk huwa jista’ jigi biss azzjonat ghad-danni, u mhux ukoll ghall-ezekuzzjoni specifika. U biex il-mandant jezigi gudizzjarjament din il-ezekuzzjoni specifika mhux mehtieg li huwa jimpunja l-att ta’ l-akkwist, imma huwa bizzejjed li huwa jipprova li l-akkwirent tal-fond, meta deher fuq l-att ta’ l-akkwist, kien qieghed jidher u jikkuntratta fl-interess tal-mandanti, ghalkemm ghamel kollox f’ismu proprju.*’

Mela l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Schembri in kwantu diretti sabiex jistabilixxu li l-garage in kwistjoni ma kienx tal-atturi izda kien jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti tieghu ma` martu l-konvenuta Michelle Schembri qeghdin jigu respinti.

**Ikkunsidrat –**

Mill-provi rrizulta li r-raguni ghala l-atturi nkarikaw lil binthom il-konvenuta Michelle Schembri sabiex tidher

bhala x-xerrejja tal-fond de quo minflok dehru huma kienet sabiex tithallas anqas taxxa.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tissolleva *marte proprio* l-kwistjoni jekk agir bhal dan huwiex lecitu inkella le, u jekk jirrizulta li huwa llecitu, allura trid tghid x`ikun l-effett fuq l-akkoljiment o meno tat-talbiet attrici kif dedotti.

Ghalkemm fit-tielet paragrafu tar-risposta tieghu, il-konvenut Mario Schembri ma jiehux posizzjoni ghajr li jafferma li *qatt ma kien konsapevoli li kien se jkun komplici fi frodi u/jew evazjoni tat-taxxa ghall-atturi,* din il-Qorti hija obbligata tiehu posizzjoni ghaliex il-kwistjoni hija ta' ordni pubbliku u l-gudikant hu obbligat li jirrileva l-kwistjoni *ex officio*. Dan jaghmlu in omagg ghall-principju, superjuri anke ghall-interess privat tal-partijiet, illi l-gustizzja mhux semplicement trid tigi amministrata, izda trid tigi amministrata sewwa u skond il-ligi.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/NC) fil-kawza '**Andrews et vs Borg'** tal-31 ta' Ottubru 2003 kien ritenut illi –

*Hu pacifiku fil-gurisprudenza li 'hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fil-kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija pprojbita mill-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista' tigi sollevata mill-Qorti ex officio. '*

Il-legislazzjoni ta' natura fiskali hi minnha nnifisha ta' ordni pubbliku in kwantu hu prezunt li saret fl-interess komuni. Ghalhekk vjolazzjoni ta' dik il- legislazzjoni tmur kontra l-ordni pubbliku. Kif kien rilevat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Marzu 1994 fil-kawza **'Sultana vs Camilleri'** –

*Il-Qorti hija tenuta li fuq principju ta` ordni pubbliku tara li b`ebda mod ma tissanzjona, lanqas indirettament, fil-gurisdizzjoni taghha, l-evazjoni tat-taxxa.*

L-**<u>Art.4(1)</u>** tal-Kap.246 jaqra hekk (fit-test Ingliz) –

*Save as hereinafter provided, with effect from 30th May 1974, a non-resident person may not acquire immovable property by or under any title, and in any manner, whatsoever, whether by act inter vivos or causa mortis, and including prescription, occupancy or accession; and any deed, will or other act purporting to transfer or transmit any immovable property to a non-resident person, and any devolution or other event having the effect of transmitting immovable property and which but for the provisions of this Act would have transmitted such property in favour of a non-resident person, shall be null and void and be without effect for all purposes of law and in regard to all persons ; and any transfer, payment or other thing made or done or given as part or in consequence of, or as ancillary to, anything which is prohibited as aforesaid shall likewise be null and without effect and, as and where appropriate, the subject matter thereof shall be returned, restored, refunded, cancelled or otherwise dealt with accordingly.*

Jirrizulta li l-ftehim li sar bejn l-attur u bintu l-konvenuta Michelle Schembri imur kontra din id-disposizzjoni.

Skond il-Kap.246, fiz-zmien tal-kaz, il-procedura li persuna meqjusa skond il-ligi bhala mhux residenti f'Malta kellha tosserva sabiex tkun tista' takkwista proprjeta' hawn Malta kienet illi titlob permess minghand il-Ministru tal-Finanzi. Infatti l-Art.6 jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghti permess bil-miktub lill-persuna mhux residenti biex takkwista proprjeta` immobbli li tkun specifikament indikata fil-permess, jekk fil-fehma tal-Ministru, ikun fl-interess pubbliku jew ikun xort'ohra xieraq li jinghata dak

il-permess. L-istess disposizzjoni mbaghad tispecifika l-mod kif dan il-permess jista' jinhareg.

Fil-kaz tal-lum, dik il-procedura giet evitata ghaliex il-konvenuta Michelle Schembri dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist bhala *prestanome* ta` l-attur missierha unikament sabiex tithallas rata ta` taxxa aktar baxxa ghax applikabbli ghal persuni residenti Malta milli kien ihallas l-attur li kieku deher hu fuq il-kuntratt ladarba ma kienx residenti Malta.

L-iskop ta` l-Kap.246 kien li jikkontrolla fl-interess generali tal-pajjiz l-akkwist ta` propjeta` mmobbli f`dawn il-Gzejjer minn persuni mhux residenti, irrispettivament mill-forma ta' l-akkwist, kif ukoll sabiex irazzan l-akkwist f`dawn il-Gzejjer minn persuni mhux residenti sabiex tigi evitata spekulazzjoni fis-suq tal-proprjeta` f`Malta.

Skond l-**Art.1857** tal-Kap.16, '*il-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta' jaghmel huwa nnifsu'.* Issa ladarba fil-kaz tal-lum l-atturi ma kienux residenti f'Malta fiz-zmien li kien sejjer isir l-akkwist tal-garage de quo u ladarba rrizulta li l-attur John Haynes ma kien talab l-ebda permess skond il-Kap.246 sabiex ikun jista' jakkwista din il-propjeta` f`Malta, il-ftehim kien kontra l-ordni pubbliku. L-atturi bhala persuni mhux residenti f`Malta ma setghux jakkwistaw proprjeta' f`Malta jekk mhux bil-permess skond il-Kap.246. Allura l-atturi ma setghux jaghtu mandat lill-konvenuta binthom sabiex din taghmel f`isimhom dak li kienu prekluzi milli jaghmlu hlief bil-procedura kontemplata mil-ligi li huma ben konsapevoli ghazlu li jikkontravjenu sabiex igawdu minn rohs illecitu fil-hlas tat-taxxa.

Huwa minnu illi barranin illum jistghu jakkwistaw proprjeta` wahda f`dawn il-Gzejjer, izda xorta wahda baqghet il-htiega li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet koncernati sabiex tista` tigi akkwistata validament dik il-

propjeta`. Dan l-obbligu ma gie bl-ebda mod dispensat anke jekk forsi llum l-applikazzjoni saret aktar formalita`.

F`dak li din il-Qorti qeghda tghid issib sostenn u konfort fis-sentenza moghtija fit-3 ta` Dicembru 2004 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **`Lucchesi et vs Sultana et`.**

Ghal din il-Qorti l-mandat tal-attur favur bintu l-konvenuta Michelle Schembri fil-kaz tal-lum kien afflitt minn kawza llecita.

Skond l-**Art.987** tal-Kap.16 - '*L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett*'. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuti ghall-ezekuzzjoni tal-mandat u cioe` li jittrasferixxu l-fond de quo lill-atturi. Ighid **Laurent** (Vol.XXVII Para.402) –

*"Quando il fatto e' illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione ; e' una obbligazione fondata su causa illecita, poiche' la causa si confonde con l` oggetto dei contratti ; e quando la causa e' illecita l' obbligazione e' inesistente e non puo' avere alcun effetto"*

Maghdud mal-premess, din il-Qorti tghid li ghall-kaz tal-lum huwa operattiv il-principju tad-dritt li hadd ma jista` jiehu vantagg mit-turpitudini tieghu stess (e*x turpi non oritur actio*). Din il-massima tfisser li hadd ma jista' jibbaza azzjoni gudizzjarja fuq att immorali jew illegali. Issib applikazzjoni naturali (ghalkemm mhux hekk ristretta) fil-kamp tal-kuntratti meta l-kawza tkun illecita. Fil-kawza **"Scicluna vs Abela"** (Vol.XXXII.I.174) il-Qorti tal-Appell kienet affermat il-principju li l-Qrati ma jistghux ighinu jew jagevolaw lil dak li jkun ghamel xi haga llecita (ara wkoll - **"J.M.V. Holding Limited et vs Karina Holdings Limited et"** – Qorti tal-Appell - 30 ta' Novembru 2007).

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk :**

**<u>Fl-ewwel lok</u>, tichad it-talbiet kollha attrici, stante l-att illecitu fuq accertat u rilevat *ex officio* minn din il-Qorti.**

**<u>Fit-tieni lok</u>, ladarba l-kwistjoni li wasslet sabiex ikunu michuda t-talbiet attrici ma kenitx sollevata permezz ta` eccezzjoni *ad hoc* mill-konvenut Mario Schembri, l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------